**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMHA 26 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 113/02 AJD**

**Attrans Limited**

**vs**

**Tiles & Marble Manufacturing Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Jannar, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sittin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm560.80), dovuta bhala hlas ghal servizzi ta' garr ta' merkanzija rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-22 ta' Ottubru, 2001, u bl-imghax legali mit-12 ta' Mejju 2001, id-data tal-ahhar invoice, kontra s-sovcjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anthony Cutajar, ghas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sittin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm560.80) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**